Maltin ħalli l-qarrej jara b'għajnejh il-ħaġa li jaqra fuqha.

Għal din il-biċċa xogħol li swietlu mhux ftit taħbil il-moħħ u stħarriġ, l-awtur ħaqqu kull tifħir u nixtiequ nagħmlulu l-kuraġġ biex jissokta jagħni l-glossarju Malti bħalma għamel b'dan il-ktieb. Prosit!

G.

---

## "X'GHADDA MINNI FL-EWWEL GWERRA DINJIJA" u "MY LETTERS FROM THE FRONT" ta' Monsinjur Dun Edgar Salomone

H.C.F. Lux Press, Malta, 1964.

Il-Monsinjur Salamone għamel ħaġa sewwa meta kiteb dawn iż-żewġ kotba fuq dak li għadda minn għalih fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija, u aħna żguri li l-qarrejja kollha jieħdu pjaċir b'dawn iż-żewġ kotba kemm bħala ġrajja ta' dik il-gwerra, u kemm bħala dokument tal-ħajja avventuruża ta' Dun Edgar.

L-Ewwel Gwerra Kbira issa tbiegħdet ħafna u ftit huma dawk li jiftakru dak iż-żmien ta' qilla u qirda li ħakem fuq l-Ewropa u laqat ukoll lill-Gżira tagħna. Ħafna Maltin kienu fl-armati ta' l-art u tal-baħar u servew fiz-zoni tal-battalji. Bosta daħlu fil-"Labour Corps" u marru Salonika u oħrajn kienu l-Mesopotamja u l-pajjiżi l-oħra tal-Lvant Qrib. F'din il-kitba il-qarrej jieħu idea tal-ħidma tas-servizz kif ġarrabhom Fizzjal Malti li kellu r-rank ta' Kaptan Kappillan.

Dun Edgar mhux bniedem li jagħmel biss dak li għandu jagħmel u ma jimpurtah minn xejn iżjed, iżda hu wieħed li jinteressa ruħu fixxogħol tiegħu, jaqdi dmiru bi ħrara u jipprova dejjem li jkattar u jkabbar dak li jindaħal għalih. Il-ħidma tiegħu hu jibdilha f'missjoni, iseddaqha bl-entużjażmu tiegħu u jagħniha bil-persunalità tiegħu. Għalhekk hu għamel suċċess kull fejn kien bħala qassis, bħala kappillan u bħala fizzjal.

Dawn iż-żewġ kotba huma xhieda tat-taħbit u tat-tħabrik ta' Monsinjur Dun Edgar Salamone fiż-żmien li dam fl-Armata, fejn għamel suċċess u fejn qeda dmiru bħala Ministru t'Alla u bħala Fizzjal tar-Re.

G.

---

## TWISSIJA EDITORJALI

Xtaqna għal darb'oħra nwissu lill-kontributuri ta' kitba f'**IL-MALTI** biex ma jibagħtux għall-pubblikazzjoni manuskritti ta' proża jew versi li ma jkunux miktubin jew ittajpjati ċari.

Dan l-aħħar waslulna xi artikoli u versi ittajpjati b'tipi mdennsin, bla karattri Maltin jew għallinqas b'ittri Maltin immarkati bil-linka. Din il-ħaġa qiegħda tiswielna ħafna xogħol żejjed u telf ta' żmien fir-reviżjoni u korrezzjoni tal-manuskritti u bozzi ta' l-istampa. ...

Jiddispjaċina ngħarrfu li mil-lum 'il quddiem manuskritti ta' oriġinali għall-istampa li ma jkunux miktubin jew ittajpjati ċar, u skond dak li titlob l-ortografija Maltija, ikollna nwarrbuhom.